**GVERN TA' MALTA**
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

# RIFORMA
## GVERN LOKALI

DOKUMENT GWIDA: PROĊESS TA' KONSULTAZZJONI GĦALL-ISTRATEĠIJA TAL-GVERN LOKALI

**AWWISSU 2022**


Nº5.GUN

DOKUMENT GWIDA:

# PROĊESS TA' KONSULTAZZJONI GĦALL-ISTRATEĠIJA TAL-GVERN LOKALI



# KELMTEJN QABEL



## ALISON ZERAFA CIVELLI
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali

Il-Kunsilli Reġjonali u Lokali f'Malta u Għawdex huma l-ewwel vuċi u għajnuna lir-residenti fil-lokalitajiet. Matul iż-żmien ilkoll fhimna li l-Kunsilli Lokali jgħinu sabiex ir-residenti lokali jkunu moqdijin u jgħixu ħajja aktar komda.

L-irwoli u l-isfidi matul is-snin inbidlu u dan ifisser li l-Kunsilli Lokali jeħtiġilhom li jadattaw u jkunu reżiljenti. L-imxija tal-Covid 19 u l-isfidi li ġabet magħha, kien eżempju wieħed u ċar li minkejja d-diffikultajiet u l-isfidi li ġabet magħha ħoloq opportunità lill-Kunsilli Lokali sabiex jadattaw, ikunu pro-attivi, innovattivi u jilqgħu għall-preżent u l-bżonnijiet tal-lokal u r-residenti. Il-Gvern Lokali għalhekk jeħtieġlu li jkun flessibbli u jadatta għal sistemi u proċeduri ġodda li jkunu kapaċi jindirizzaw l-ambjent li dejjem jinbidel.

Il-Gvern Ċentrali qiegħed hemm sabiex jappoġġja u jipprovdi l-assistenza meħtiega biex il-Gvern Lokali f'Malta jkollu l-għodda neċessarja biex jaffaċja l-isfidi li jiltaqgħu magħhom minn żmien għal żmien. Bħala Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali kommessa li nkompli nisma' mingħand l-imsieħba u l-membri kollha, iżda wkoll kommessa li naġixxi fl-aħjar interess tal-membri fi ħdan il-Kunsilli Regjonali u Lokali, fuq kollox, fl-aħjar interess tar-residenti u l-lokalitajiet Maltin u Għawdxin.

Għaldaqstant qegħdha nvara dan il-proċess ta' konsultazzjoni sabiex nisimgħu u niddiskutu flimkien erba' temi li se jgħinuna nirriflettu u nwasslu l-ħsibijiet tagħna: Governanza Tajba u Effettiva, Reġjuni Aktar b' Saħħithom, Lokalitajiet b'Ambjent Aktar Nadif u Kunsilli Lokali Viċin in-Nies.

Inħares 'il quddiem sabiex flimkien mal-Presidenti tar-reġjuni, mas-Sindki u l-kunsilliera, is-segretarji eżekuttivi u l-ħaddiema, l-imsieħba kollha u dawk interessati, infasslu strateġija li tgħinna naslu, tgħinna nindirizzaw sfidi ġodda u nkunu mħejjija għal opportunitajiet biex intejbu l-ħajja tan-nies kuljum.



**DAĦLA** 9

**TEMI TA' KONSULTAZZJONI**

1. GOVERNANZA TAJBA U EFFETTIVA 11

2. INSAĦĦU R-REĠJUNI 13

3. LOKALITAJIET B'AMBJENT AKTAR NADIF 17

4. KUNSILLI LOKALI VIĊIN IN-NIES 19

**LAQGĦAT TA' KONSULTAZZJONI** 23

# DAĦLA

Mal-miġja tal-Ingliżi fil-gżejjer Maltin feġġew l-ewwel strutturi ta' Kunsilli Lokali u l-irwol ta' sindku. Iżda, il-Kunsilli Lokali kif nafuhom illum daħlu fis-seħħ permezz ta' liġi fl-1993. Fl-20 ta' Novembru tal-istess sena saret l-ewwel elezzjoni għal 12-il Kunsill Lokali. Għalhekk is-sena d-dieħla, fl-2023 il-Kunsilli Lokali ser jiċċelebraw it-30 sena Anniversarju mit-twaqqif tagħhom.

Fl-2011 twaqqfu 5 Kumitati Reġjonali sabiex jissostitwixxu dawk li sa dak iż-żmien kienu 9 Kumitati Konġunti. B'riżultat tar-Riforma tal-Gvern Lokali fl-2019, fil-bidu tas-sena 2022 il-Kunsilli Reġjonali żdiedu minn 5 għal 6. Filwaqt, li 3 Kunsilli Reġjonali baqgħu l-istess ġew iffurmati 3 Kunsilli Reġjonali ġodda. Dan it-tibdil sar sabiex il-Kunsilli Reġjonali jkunu aktar effettivi u effiċjenti.

Is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali jipprevedi li l-Kunsilli Reġjonali ser jkunu qegħdin iservu bħala sisien għat-titjib fil-qasam tal-Gvern Lokali – titjib li ser ikun qiegħed jinbena permezz ta' tnedija ta' proċess ta' konsultazzjoni għall-Istrateġija tal-Gvern Lokali, fejn l-għan ewlieni huwa t-tisħiħ tal-Kunsilli Reġjonali.

Dan id-dokument gwida jippreżenta 4 temi ta' konsultazzjoni prinċipali, sabiex jigwidaw il-Kunsilli Reġjonali fil-proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali rispettivi tagħhom.

B'hekk filwaqt li tinħoloq struttura strateġika, il-Kunsilli Reġjonali jkunu jistgħu jservu bħala punt ta' referenza u sostenn għall-Kunsilli Lokali fi ħdanhom. Din l-istruttura għandna tkun għodda għall-Kunsilli Reġjonali sabiex tissarraf il-ħidma fil-qasam tal-Gvern Lokali f'governanza tajba u effettiva, f'lokalitajiet b'ambjent aktar nadif u b'Kunsilli Lokali viċin in-nies, għall-lokalitajiet ta' eċċellenza għall-benefiċċju tal-komunitajiet Maltin u Għawdxin.

# 01.

## GOVERNANZA TAJBA U EFFETTIVA

### 1.1- ME955 – TAĦRIĠ ĦOLISTIKU DWAR IL-GOVERNANZA LILL-MEMBRI ELETTI U AMMINISTRATTIVI.

Għandu jkun hemm taħriġ kontinwu kemm għall-membri eletti kif ukoll għall-Amministrazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Filwaqt li jgħolli l-livell tal-Kunsill Lokali dan għandu jikkontribwixxi sabiex ikun hemm sinerġija bejn il-partijiet.

### 1.2- INĦEĠĠU U NAPPOĠĠAW IL-KUNSILLI LOKALI FL-APPLIKAZZJONI GĦALL-ELOGE (EUROPEAN LABEL OF GOVERNANCE EXCELLENCE). PERMEZZ TA' HEKK NIMMIRAW LI NILĦQU LIVELL TA' EĊĊELLENZA.

Tiġi ntrodotta sistema ta' standards fuq bażi nazzjonali li sservi bħala qafas għal dawk il-Kunsilli Lokali li jidħlu għall-evalwazzjoni sabiex jingħataw il-label. Il-Kunsilli Reġjonali jiġu mħarrġa sabiex jassistu lill-Kunsilli Lokali fil-proċess. Il-Gvern Ċentrali għandu joħloq miri u inċentivi li eventwalment iwasslu sabiex f'numru ta' snin jiżdied in-numru ta' Kunsilli Lokali u Reġjonali li jilħqu livell ta' eċċellenza.

### 1.3 - INSAĦĦU L-ISTRUTTURI NTERNI.

Issir analiżi tal-ħidma tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali f'kull livell u abbażi tar-riżultati tinħoloq teknoloġija komuni (sistemi bħal accounts software, ilmenti, pjattaforma ta' kuntatt dirett ma' entitajiet governattivi oħra eċċ) għall-Kunsilli Lokali u Reġjonali kollha. Minbarra li tiffaċilita l-ħidma tal-Kunsilli Lokali, it-tali inizjattiva tippermetti lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali tissorvelja u tassisti fejn meħtieġ.

Jiġu skrutinizzati d-diffikultajiet bejn il-Kunsilli Lokali u Reġjonali u jsir eżerċizzju li permezz tiegħu kkun hemm linji gwida ċari b'mod ħolistiku.

### 1.4 - INSAĦĦU L-KONTABBILITÀ PERMEZZ TA' GWIDA DETTALJATA U AKTAR APPOĠĠ PROFESSJONALI LILL-KUNSILLI LOKALI U REĠJONALI.

Jiġi ntrodott mekkaniżmu li permezz tiegħu, il-Kunsilli Reġjonali jkollhom aktar professjonisti bħala mpjegati u mhux konsulenti. Dawn għandhom jipprovdu gwida lill-Kunsilli Reġjonali u Lokali.

### 1.5 - ME970 – VOT 16 – TINGĦATA S-SETGĦA LI JIĠI EŻERĊITAT ID-DRITT TAL-KARIGA QABEL L-ETÀ TA' 18-IL SENA.

### 1.6 - ME971 - STUDJU DWAR MEKKANIŻMU LI JWITTI T-TRIQ GĦAL AKTAR RAPPREŻENTAZZJONI WIESA FIL-KUNSILLI LOKALI. DAN GĦANDU JIĠI KONKLUŻ SA L-ELEZZJONI LI JMISS TAL- 2024 U JUŻA BĦALA BAŻI DAK LI ĠIE APPLIKAT GĦALL-PARLAMENT MALTI.

Bil-għan illi jintlaħqu l-miri stabbiliti għandu jkun hemm inklużjoni ta' individwi f'livelli ta' kumitati u sotto-kumitati skont il-ħtieġa tal-lokalità. Dan jassigura illi l-individwi jkunu diġa' familjari mal-istrutturi u l-mekkaniżmi adottati mill-Kunsilli Lokali rispettivi.

# 02.

## INSAĦĦU R-REĠJUNI

### **2.1-** ME948 – SER TIĠI XPRUNATA ĦIDMA NTENSIVA MILL-KUNSILLI REĠJONALI SABIEX JITĦARSU D-DRITTIJIET TAL-KUNSILLI LOKALI FL-IŻVILUPP TAL-POLITIKA NAZZJONALI.

Ikun hemm konsultazzjoni kontinwa bejn il-Kunsilli Reġjonali u l-awtoritajiet ċentrali bil-għan illi jiġu diskussi fuq livell reġjonali proġetti li jkunu ser jiġu implimentati u li jaffettwaw kemm direttament kif ukoll indirettament l-operat tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali.

Ser tinbena relazzjoni aktar mill-qrib mal-entitajiet governattivi varji sabiex niżguraw li l-Kunsilli Lokali jiġu kkonsultati fuq proġetti pubbliċi li jkunu qed isiru fil-lokalità tagħhom.

Jiġi introdott il-kunċett ta' liasion officers biex il-Kunsilli Lokali u Reġjonali jkollhom punt ta' referenza u jingħataw assistenza f'waqtha jew assistenza fejn ikun meħtieġ.

### **2.2 -** ME952 – JIĠI ŻGURAT LI L-KUNSILLI LOKALI JIRĊIEVU PERSENTAĠĠ MID-DĦUL TA' ATTIVITAJIET LI JOĦOLQU NKONVENJENT FIL-LOKALITAJIET TAGĦHOM.

Tali miżuri għandhom jinkludu kemm attivitajiet minn entitajiet kummerċjali kif ukoll minn dawk li l-Kunsilli Lokali huma diġa' involuti fihom. Għandu jkun żgurat illi attivitajiet bħal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet minn stabbilimenti kummerċjali u guest houses jikkontribwixxu lura lil-lokalità li joperaw minnha.

### **2.3-** ME953 – IL-KUNSILLI REĠJONALI JKUNU STRUMENTALI SABIEX IR-RIŻORSI JINTUŻAW B'MOD AKTAR EFFIĊJENTI PERMEZZ TA' KOLLABORAZZJONI FUQ INIZJATTIVI VARJI BEJN DIVERSI LOKALITAJIET.

Introduzzjoni ta' proġetti u sistemi komuni fuq bażi Reġjonali.

### **2.4 -** ME956 – JINSTAB MEKKANIŻMU TA' KIF PRATTIĊI TAJBA JINQASMU MA' REĠJUNI OĦRA U ANKE JIĠI PPREMJAT DAK JEW DAWK IR-REĠJUNI LI JKUNU ĦADMU L-AKTAR B'RISQ IL-KOMUNITAJIET TAGĦHOM.

Jinħoloq programm ta' laqgħat regolari bejn il-membri tal-Kunsilli Reġjonali bl-involviment tal-Amministrazzjoni bil-għan illi jkun hemm bdil ta' ideat. Minbarra li jinqasmu prattiċi tajba u joħorġu kunċetti ġodda dan għandu jservi sabiex kull Kunsill Reġjonali jagħmel eżerċizzji nterni dwar x'titjieb jista' jkun hemm fir-Reġjun rispettiv.

### **2.5 -** ME963 – ISIR STUDJU TA' KIF NISTGĦU NTEJBU S-SWIEQ FIL-LOKALITAJIET BIEX INNAQSU L-INKONVENJENT LILL-PUBBLIKU.

Is-swieq fil-beraħ ikunu regolati adegwatament u b'mod sostenibbli filwaqt illi jservu ta' servizz għall-komunitajiet u mhux inkonvenjent. Sabiex dan iseħħ ir-regolaturi li f'dan il-każ huma l-Kunsilli Lokali, għandu jkollhom aċċessibilità għar-riżorsi kollha meħtieġa.

## **2.6** - ME965 – REVIŻJONI TAL-ISKEMA LI TIEĦU ĦSIEB LI JIĠU RESTAWRATI SITI TA' VALUR STORIKU U ARTISTIKU B'XI KRITERJI PARTIKOLARI.

Għandha ssir analiżi fuq bażi reġjonali tal-assi ta' valur storiku u artistiku fir-Reġjun rispettiv u l-istat li jinsabu fih. B'hekk jiġi żgurat illi l-iskemi jkunu qegħdin jagħmlu tajjeb bil-għan illi ma jintilifx wirt storiku u artistiku. Għandha tiġi wkoll evalwata l-possibilità illi l-istess skema tkun tkopri l-wirt artistiku mhux tanġibbli.

## **2.7**- ME966 – KOORDINAMENT REĠJONALI SABIEX FEJN POSSIBBLI L-PERMESSI JINĦARĠU B'MOD DIĠITALI.

Għandu jkun hemm analiżi tas-sistemi eżistenti u studju sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent preżenti li jaffaċjaw ir-residenti.

## **2.8** - ME968 – SHARED INFORMATION MINN NUMRU TA' STAKEHOLDERS SABIEX JITTEJJEB L-IPPJANAR U L-KOMUNIKAZZJONI.



# 03.

# LOKALITAJIET B'AMBJENT AKTAR NADIF

**3.1** - ME954 – ĠBIR TA' SKART AKTAR EFFIĊJENTI LI JĦARES LEJN IL-BŻONNIJIET TA' KULL LOKALITÀ F'KUNTEST REĠJONALI U LI GĦANDU JNAQQAS IL-PIŻ AMMINISTRATTIV MINN FUQ IL-KUNSILLI LOKALI.

Sorveljanza u żieda fir-riżorsi għall-Kunsilli Reġjonali sabiex ikunu jistgħu jimplimentaw b'effiċjenza u jiġu massimizzati r-riżorsi ta' miżuri li ttieħdu matul l-2022.

**3.2** - ME964 – LATRINI AWTOMATIĊI B'REVIŻJONI TAL-ĦLASIJIET SABIEX DAWN IKUNU SOSTENIBBLI.

Ikun hemm konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali u Reġjonali bil-għan illi jiġi stabbilit l-ammont ta' latrini pubbliċi meħtieġa f'kull lokalità. Sussegwentement isir pjan sabiex fuq medda ta' snin il-latrini pubbliċi jinqalbu għal latrini awtomatiċi.

Fejn meħtieġ il-latrini pubbliċi m'għandhomx bilfors ikunu mibnija iżda jista' jkun hemm l-introduzzjoni tal-kunċett ta' mobile toilets b'sistemi ta' tindif u sanitizzar awtomatiku.

**3.3** - ARJA AKTAR NADIFA PERMEZZ TA' INĊENTIVI U MIŻURI LI JNAQQSU L-EMMISJONIJIET.

Ikompli jitħaddem mekkaniżmu sabiex il-vetturi tal-Kunsilli Lokali jkunu environmentally friendly, preferibbilment elettriċi.

Jissaħħaħ il-kunċett ta' servizzi ta' trasport mingħajr ħlas li joffru l-Kunsilli Lokali u Reġjonali bil-għan illi jonqsu l-emissjonijiet u jitnaqqas it-traffiku miċ-ċentri tal-ibliet u l-irħula.

Il-Kunsilli Lokali u Reġjonali jkunu nvoluti fis-sistemi ta' tqassim ta' provvisti lil stabbilimenti kummerċjali sabiex jitnaqqsu r-rotot u tiżdied l-effiċjenza.

Introduzzjoni ta' miżuri mill-Kunsilli Lokali u Reġjonali sabiex jiġu ntrodotti miżuri li jħarsu l-ambjent bħalma hi r-rota. Il-Kunsilli Lokali u Reġjonali jkollhom il-mezzi meħtieġa sabiex jipprovdu l-infrastruttura neċessarja.

Jissaħħu l-istrutturi u jkun hemm investimenti akbar sabiex żoni strateġiċi, b'mod speċjali fil-qalba tal-ibliet u l-irħula jiġu pedonali. Dan għandu jseħħ mingħajr ma jkun hemm impatt negattiv fuq il-komunitajiet rispettivi.

**3.4** - NIMPLIMENTAW METODI AKTAR EFFIĊJENTI U EFFETTIVI GĦAT-TINDIF TAT-TOROQ FIL-LOKALITAJIET TA' PAJJIŻNA.

Introduzzjoni ta' sistemi mekkanizzati li jnaqqsu ċ-ċans ta' abbuż flimkien ma' sistemi ta' monitoraġġ adegwat għal sistemi mħaddma b'mod manwali.

Konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali u Reġjonali dwar il-problemi u mekkaniżmu komuni sabiex il-problemi jiġu ratifikati.
Diskussjonijiet sabiex ikun hemm aċċertament illi l-Kunsilli Lokali, Reġjonali u l-awtoritajiet ċentrali jkunu qegħdin jaħdmu f'sinerġija u x-xogħol li jsir minn parti jkun jikkumplimenta dak li jkun sar minn terzi.

# 04.

# KUNSILLI LOKALI VIĊIN IN-NIES

**4.1 -** ME950 – KUNSILLI LI JSOSTNU STIL TA' ĦAJJA SANA PERMEZZ TA' PROGRAMM LI JIPPROMWOVI INIZJATTIVI U PROĠETTI LI JTEJBU U JGĦOLLU L-LIVELL TAL- KWALITA' TAL-ĦAJJA TAR-RESIDENTI.

Il-Kunsilli Lokali/Reġjonali jikkonsultaw mal-komunitajiet bil-għan illi jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet tal-lokalitajiet.

Ikun hemm monitoraġġ adegwat bil-għan illi jiġi żgurat illi l-proġetti proposti jkunu għall-ġid komuni.

Introduzzjoni ta' kunċetti ġodda li jinvolvu lir-residenti jkollhom sehem attiv fid-deċiżjonijiet meħuda.

Implimentazzjoni ta' kunċetti bħalma huma community gardens u servizzi komuni għall-komunitajiet.

Jiġi estiż gradwalment il-proġett pilota School Grannies flimkien mal-awtoritajiet konċernati sakemm ikun ikopri t-territorju nazzjonali. Din l-inizjattiva għandha tkun ta' benefiċċju għat-tfal u familji filwaqt li tagħti kontribut għal aktar anzjanità attiva.

**4.2 -** ME949 – INRESSQU SERVIZZI TA' ENTITAJIET GOVERNATTIVI EQREB LEJN IR-RESIDENTI BILLI NIFFAĊILITAW L-AĊĊESSIBILIÀ MILL-UFFIĊINI TAL-KUNSILLI LOKALI.

Introduzzjoni ta' aktar servizzi mill-Kunsilli Lokali u Reġjonali li min-naħa tagħhom jingħataw ir-riżorsi meħtieġa biex ikunu aktar effiċjenti.

Immodernizzar u ristrutturar tas-servizzi u introduzzjoni ta' aktar teknoloġija bil-għan illi tiżdied l-effiċjenza u l-aċċessibilità.

**4.3 -** ME951 – IL-KUNSILLI LOKALI SER IKUNU QEGĦDIN JIDENTIFIKAW PROĠETTI LI JINDIRIZZAW IL-ĦTIĠIJIET TAR-RESIDENTI WARA LI JITLESTA L-ISTUDJU XJENTIFIKU KKUMMISJONAT MILL-KUNSILLI REĠJONALI.

**4.4 -** NIŻGURAW LI L-PROĠETTI JKUNU NKLUSSIVI U FEJN APPLIKABBLI TITTIEĦED IN KUNSIDERAZZJONI L-OPINJONI TAT-TFAL.

Ikun hemm konsultazzjoni u jiġi żgurat illi l-ispazji pubbiċi jkunu aċċessibbli għal kulħadd u fejn possibbli jitħaddan il-kunċett ta' all-inclusive bi spazji allokati għal tfal u adulti bi problemi emottivi, sensorjali eċċ.

Jiġi introdott mekkaniżmu, li permezz tiegħu l-Kunsilli Lokali, Reġjonali u entitajiet jimplimentaw proġetti all-inclusive u jibbenefikaw minn inċentivi.

Ikun hemm diskussjonijiet ma' negozji u jissaħħaħ il-kunċett ta' CSR (Corporate Social Responsibility) li permezz tiegħu n-negozji jroddu lura lill-komunitajiet proġetti nklussivi.

Jitħaddem mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Kunsilli Lokali jiġu mħeġġa jidentifikaw proġetti nklussivi li mbagħad jiġu nkorporati fil-qafas tal-pjan ta' ħidma li l-istess Kunsilli Lokali jadottaw. B'hekk ikun aktar faċli li jinkiseb finanzjament u jkun hemm possibilità akbar illi l-proġetti jiġu implimentati.

### **4.5** - ME967 – TNEDIJA TA' MOBILE APP ĦOLISTIKA LI MINNHA R-RESIDENTI JKOLLHOM AĊĊESS GĦAS-SERVIZZI OFFRUTI MILL-KUNSILLI LOKALI KOLLHA F'MALTA U GĦAWDEX.

Jiġi stabbilit x'servizzi jistgħu jiġu offruti permezz tal-pjattaforma u jkun żgurat illi r-residenti jingħataw feedback fi żmien pre-stabbilit.

Tingħata l-fakultà illi r-residenti jkollhom il-possibilità illi permezz tal-istess mobile app iressqu suġġerimenti għat-titjib li jaraw meħtieġ fil-lokalità tagħhom.

Ikun hemm pjattaforma komuni li tkun aċċessibbli għal monitoraġġ u assistenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li min-naħa tiegħu ma jkollux il-ħtieġa li jitlob l-informazzjoni lill-Kunsilli Lokali jew Reġjonali. Fl-istess waqt l-istess Diviżjoni tkun tista' tassisti fejn meħtieġ.

### **4.6** - ME969 – IS-SERVIZZ TAL-PULIZIJA TAL-KOMUNITÀ JIĠI ESTIŻ GĦAL LOKALITAJIET OĦRA SABIEX INĦARSU S-SIGURTÀ FIL-KOMMUNITAJIET TAGĦNA.

Jissaħħaħ il-kunċett ta' pulizija tal-komunità u jkun żgurat illi l-proġett ikollu r-riżorsi meħtieġa sabiex jitħaddem b'effiċjenza.

Tiġi evalwata l-possibilità illi l-Kunsilli Lokali jkunu l-bażi ta' operat tal-pulizija tal-komunità, bi spazju allokat fejn dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jiggwidaw lir-residenti u jassistu fi privatezza.



# LAQGĦAT TA' KONSULTAZZJONI

Skeda ta' laqgħat ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali fi ħdanhom.

### Kunsill Reġjonali Tramuntana

**DATA:** L-Erbgħa, 9 ta' Novembru 2022
**ĦIN:** 17:30 – 19:30
**POST:** TBC

### Kunsill Reġjonali Lvant

**DATA:** L-Erbgħa, 9 ta' Novembru 2022
**ĦIN:** 17:30 – 19:30
**POST:** TBC

### Kunsill Reġjonali Punent

**DATA:** Il-Ħamis, 10 ta' Novermbru 2022
**ĦIN:** 17:30 – 19:30
**POST:** TBC

### Kunsill Reġjonali Port

**DATA:** L-Erbgħa, 16 ta' Novembru 2022
**ĦIN:** 17:30 - 19:30
**POST:** TBC

### Kunsill Reġjonali Nofsinhar

**DATA:** L-Erbgħa, 16 ta' Novembru 2022
**ĦIN:** 17:30 – 19:30
**POST:** TBC

### Kunsill Reġjonali Għawdex

**DATA:** Il-Ħamis, 17 ta' Novembru 2022
**ĦIN:** 14:30 – 16:30
**POST:** TBC


SULTANA TAL-PAĊI

## Notamenti





RIFORMA
GVERN LOKALI

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI